MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 591/2014

**GO plc**
**C-22334**

**vs**

**Woodford Angela**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta` attrici ddikjarat illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf, seba’ mija u tnax-il ewro, hamsa u ghoxrin centezmu (€1,712.25c) in konnessjoni ma’ servizzi ta’ telefonija, internet, televizjoni, Account Number-40141706; li interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal-hlas il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza.

Ra d-dokumenti li gew mehmuza ma' l-avviz tat-talba li gew immarkati minn Dok.'A' sa Dok.'D'.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet illi ghar-rigward ta' l-ammont mitlub l-esponenti taqbel illi s-somma ta' elf seba' mija u tnax-il ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,712.25c) hija dovuta lis-socjeta` attrici.

Illi l-esponenti tixtieq illi tinghata l-fakolta` li thallas dan id-debitu bin-nifs minhabba l-problema finanzjarja taghha salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal ra il-verbal tas-17 ta' Ottubru 2014.

Ra l-verbal tas-seduta tallum stess tad-19 ta' Novembru 2014 li permezz tieghu t-talba tas-socjeta` attrici kif proposta fil-konfront tal-konvenuta giet annessa mill-istess konvenuta.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u qed jordna lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta'elf, seba' mija u tnax-il ewro, hamsa u ghoxrin centezmu (€1,712.25c) bl-imghax kif miltuba.

L-ispejjez ikunu akkarigu ta' l-istess konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------